MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1373/2002/1

**Patrick Galea**

**vs**

**Minibuses Co-Opt Ltd u b'digriet tas-26 ta' Gunju 2002 giet awtorizzata korrezzjoni fejn l-isem tas-socjeta konvenuta Minibuses Co-Opt Ltd, gie mibdul ghall-isem Co-Op Services Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur s-somma ta' sitt mija u wiehed u tmenin lira Maltin (Lm681) rappresentanti danni sofferti minnu bir-rata ta' Lm3 kuljum mill-1 ta' Ottubru 2001 sal-lum, peress li l-Koperattiva tal-Minibuses haditlu vjagg ta' trasport ta' tfal li kien proprjeta tieghu ghal numru kbir ta' snin u ghaddietu lill-haddiehor.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mill-1 ta' Ottubru 2001 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta, ngunta ghas-subizzjoni.

Ra l-verbal tas-26 ta' Gunju 2002 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza, in vista tal-fatt illi is-socjeta konvenuta naqqset li tipprezenta r-risposta taghha skond il-ligi.

Ra r-rikors tas-socjeta konvenuta fejn hija talbet is-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u talbet iz-zmien sabiex tippresenta r-risposta taghha skond il-ligi.

Ra id-digriet tat-Tribunal tal-5 ta' Lulju 2002 fejn is-socjeta konvenuta giet awtorizzata tipprezenta r-risposta taghha u fejn l-isem ta'l-istess socjeta konvenuta gie mibdul minn Minibuses Co-Opt Ltd ghal Co-Op services Limited.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta ipprezentata fit-8 ta' Lulju 2002, fejn hija ecceppiet:
1. Preliminarjament, in-nullita' ta'l-avviz promotur stante illi huwa intavolat kontra socjeta inezistenti.
2. In linea preliminari ukoll, l-inkompetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal "rationae materiae" u "rationae valoris".
3. In linea preliminari wkoll, l-intempestivita ta' dawn il-proceduri stante li l-kaz in kwistjoni kien qed jigi trattat quddiem il-Bord tas-Sorveljanza tal-Koperattiva konvenuta.
4. In linea preliminari ukoll, l-attur naqas milli l-ewwel jespera u jintenta ir-rimedji indikati fl-Istatut tal-Koperattiva illi jorbtu l-membri kollha.
5. Fil-mertu, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhuwiex minnu li l-Koperattiva konvenuta haditlu xi vjagg ta' tarsport ta' tfal proprjeta ta'l-attur.

Ra l-verbal tas-seduta tat-30 ta' Settembru 2002, fejn s-socjeta konvenuta irtirat l-ewwel eccezzjoni sollevata minnha.

Sema' x-xhieda ta'l-attur u ta' Joseph Barbuto in rappresentanza tas-socjeta konvenuta

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ikkunsidra,

Illi l-attur kellu xoghol bhala sewwieq ta’ mini-bus u kien membru fil-Koperattiva tal-Minibuses. Ghal tmintax-il sena shah huwa kien gie assenjat il-vjagg sabiex iwassal u jippikkja t-tfal mill-iskola ta’ Santa Marija gewwa l-Imsida li hija skola ghal tfal bi bzonnijiet specjali. Huwa kien iwassal lil dawn it-tfal l-iskola fid-9:00a.m. u jerga’ imur ghalihom fit-3:00p.m. Wara li kien iwassal it-tfal, huwa kien jiehu vjagg iehor u cioe’ kien iwassal lill-haddiema mill-fabbrika tad-Dowty gewwa l-Imriehel, peress illi din kienet fi triqtu u wara kien jirritorna lejn il-garaxx. Ta’ dan il-vjagg ta’ wara nofs in-nhar  huwa kien jithallas tlett liri Maltin kuljum. Gara illi fis-sena skolastika 2001–2002, l-iskola ta’ Santa Marija gewwa l-Imsida ghalqet u dana kif giet infurmata il-Koperattiva, mid-Dipartiment ta’l-Edukazzjoni u minflok it-tfal bdew jattendu l-iskola tal-Guardian Angel gewwa l-Hamrun. Peress illi ghall-iskola ta’ Santa Marija kien hemm disa’ rotot u kienu involuti tlettax-il sewwieqa, allura sabiex hadd ma jitlef ix-xoghol, il-vjagg ghal din l-iskola kien tela’ bil-polza u kien mess lill-attur sabiex iwassal biss lit-tfal fil-ghodu. Ghal vjagg ta’ wara nofs in-nhar huwa kien gie assenjat vjagg ghal Wied il-Ghajn, ghal liema vjagg jidher illi kien jithallas iktar u cioe’ fejn qabel kien jithallas Lm3.60, issa beda jithallas Lm4.22 ghal dan il-vjagg. Madankollu peress illi l-vjagg ta’ wara nofs in-nhar kien qed jiehu l-attur lejn Wied il-Ghajn, huwa ma setax ikompli jaghmel il-vjagg tal-haddiema tad-Dowty minhabba id-distanza li kien hemm u ghalhekk spicca sabiex tilef dan l-vjagg ta’ Lm3 kuljum u ghal liema huwa qieghed jitlob kumpens permezz tal-presenti istanza.

Ikkunsidra,

Illi s-socjeta konvenuta issollevat diversi eccezzjonijiet kemm ta’ natura legali kif ukoll fattwali ghat-talba attrici. Illi l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta giet irtirata fis-seduta tat-30 ta’ Settembru 2002.

**1. <u>L-eccezzjoni ta'l-inkompetenza tat-Tribunal "rationae materiae" u "rationae valoris".</u>**

Illi t-talba li qieghed iressaq l-attur hija talba ghal hlas ta' danni fejn l-ammont ma jeccediex l-Lm1500. L-artikolu 3(2) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi t-Tribunal jista' jisma' u jiddeciedi t-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn elf u hames mitt lira Maltin. Illi ghalkemm is-socjeta konvenuta tissolleva l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal, madankollu matul it-trattazzjoni tal-kawza naqqset milli tispjega r-raguni 'il ghala giet sollevata din l-eccezzjoni u anke ma hemmx provi fl-atti in sostenn ta' tali eccezzjoni.

Illi ghalhekk it-Tribunal iqies illi t-talba attrici kif imposta taqa' fil-parametri ta' dak dispost fl-Kapitolu 380. Kif tajjeb issottolinjat l-Onorabbli Qorti ta'l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Av. Dott Damien Damien von Schembri vs Miriam Mintoff: "Huwa pacifiku fi skorta ta' decizjonijiet illi b'applikazzjoni tar-regola li kull wiehed ghandu jirrispondi ghal hsara li tigri bi htija taghha, min ikun rebbieh f'kawza ghandu dritt jitlob id-danni mill-parti l-ohra. Jekk imbaghad dawn id-danni u l-pretensjoni dwarhom humiex jew le fondati dik tibqa' materja rizervata ghall-epurazzjoni u apprezzament taghha fil-mertu. Dan jigri dejjem fil-kaz ta' azzjonijiet ghad-danni ta' liema xorta jkunu. Hekk per ezempju ma huwiex negat illi t-Tribunal "de quo" ghandu gurisdizzjoni li jinvesti materji dwar danni prestabbiliti derivanti minn incident stradali.'

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**2. <u>L-intempestivita ta' dawn il-proceduri stante illi l-kaz in kwistjoni kien qed jigi trattat quddiem il-Bord tas-Sorveljanza tal-Koperattiva konvenuta.</u>**

Illi irrizulta mill-atti processwali u senjatament mid-Dokument JB1 esebiet a fol.42 tal-process illi l-attur kien intenta proceduri quddiem il-Bord tas-Sorveljanza dwar dan il-kaz. Fil-fatt huwa kien ressaq il-kaz tieghu wahdu

fis-7 ta' Ottubru 2001, kif ukoll flimkien mas-sewwieqa l-ohra fl-1 ta' Novembru 2001. Illi mis-sentenza u mill-verbali in konnessjoni mal-proceduri quddiem il-Bord jirrizulta illi l-kaz ta'l-attur kien qieghed jinstema', tant hu hekk illi kien hemm okkazzjonijiet fejn l-attur kien ikun presenti assistit bl-avukat tieghu Dr. Reno Borg u dana sabiex jinghata lura x-xoghol li kien jaghmel u cioe' il-vjagg li huwa kellu ghall-iskola Santa Marija. Illi hanwhekk it-Tribunal ihoss illi ma jistax jaqbel ma' dak sottomess mill-attur, u cioe' illi l-kaz tieghu baqa' ma instemax u li huwa kien iffirma l-ittra ta'l-1 ta' Novembru 2001 mas-sewwieqa l-ohra bhala "support" biss u mhux biex imexxi il-kaz tieghu 'il quddiem. Dan ghaliex huwa kien jattendi ghas-seduti quddiem il-Bord u kien anke sahansitra assistit mill-konsulent legali tieghu f'dawn il-proceduri kif gie sottolinjat iktar 'il fuq.

Illi dawn il-proceduri gew konkjuzi fid-29 ta' Awissu 2002, meta inghatat id-decizjoni tal-Bord, fejn l-ilment tax-xufiera, inkluz allura dak ta'l-attur, gie michud. Illi ghalhekk din l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta konevnuta illum ma ghadhiex tregi stante illi l-proceduri quddiem il-Bord gew konkluzi u l-attur xortwahda ipprosegwa bil-proceduri quddiem it-Tribunal. Illi anke jekk ghal grazzja ta'l-argument it-Tribunal kellu jilqa' din l-eccezzjoni, xejn ma izomm lill-attur milli jerga' jintenta proceduri mill-gdid bil-konsegwenza li ikun hemm duplicita ta' azzjoni. Ghalhekk din l-eccezzjoni ukoll qed tigi michuda.

**3. <u>L-attur naqas milli l-ewwel jespera u jintenta r-rimedji indikati fl-Istatut tal-Koperattiva illi jorbtu il-membri kollha.</u>**

Illi qabel xejn ghandu jigi rilevat illi ghalkemm is-socjeta konvenuta issollevat din l-eccezzjoni, hija naqqset li tipprezenta kopja ta'l-Istatut indikat minnha li jorbot lill-membri kollha ta'l-ghaqda u ghalhekk naqqset milli tindika dak li hija qieghda issostni f'din l-ececzzjoni. Fi kwalunkwe kaz l-attur jidher illi mexxa l-kaz tieghu quddiem il-Bord tas-Sorveljanza tant illi anke kien hemm decizjoni f'dan ir-rigward. Illi fuq kollox l-Att dwar l-Ghaqdiet Koperattivi (Kapitolu 278 tal-Ligijiet ta' Malta), ma jeskludiex id-dritt

tal-membri illi jadixxu ghal qrati ordinarji jew li d-decizjoni ta’ dan il-Bord ghandha tkun wahda finali u definittiva minghajr dritt ta’ azzjoni tal-membri taghha bhal dik odjerna. Il-parametri li fih ghandu jagixxi il-Bord huma dawk indikati fl-artikolu 78 ta’l-Att u cioe’ illi l-Bord ghandu “jkun responsabbli lejn il-membri ta’l-ghaqda biex jizgura li l-affarijiet ta’l-ghaqda jitmexxew skond id-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att kif ukoll skond ir-regoli ta’l-ghaqda u skond id-decizjonijiet u rizoluzzjonijiet adottati f’laqghat generali jew f’laqghat tal-kumitat.” Kwindi l-funzjoni tal-Bord huwa iktar bhala wiehed ta’ “watchdog” fuq l-operat ta’l-ghaqda u ir-relazzjonijiet bejn il-membri ta’l-istess ghaqda u li jirregola li it-tmexxija ta’l-ghaqda hija wahda in ottemperanza mal-ligi. Certament ghalhekk illi din il-funzjoni ma taghtix poteri decizjonali lill-Bord fuq kwestjonijiet bhal dik imressqa quddiem it-Tribunal fejn hawnhekk si tratta ta’ azzjoni ghad-danni. Illi ghalhekk anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

4. **<u>L-eccezzjoni fil-mertu</u>**.

L-attur qieghed jitlob min ghand is-socjeta konvenuta danni minhabba it-telf ta’ vjagg li sofra b’konsegwenza tal-fatt illi l-istess socjeta assenjatlu vjaggi ohra, u b’hekk huwa tilef vjagg wiehed fil-gurnata li ghalih kien jithallas Lm3 kuljum.

Illi l-artikolu 1031 tal-Kodici Civili jiddisponi illi kull persuna ghandha twiegeb ghal hsara li tigri bi htija tieghu. Illi ghalhekk l-Tribunal irid jinvestiga jekk it-telf ta’ xoghol li sofra l-attur kenitx tahti ghalih is-socjeta konvenuta bid-decizjonijiet mehuda minnha.

Illi l-attur qed jikkontendi illi l-vjagg li ittiehed minnu lejn l-iskola ta’ Santa Marija gewwa l-Imsida kienet konsegwenza ta’ decizjoni mehuda mis-socjeta konvenuta, liema decizjoni wasslet sabiex huwa tilef vjagg iehor li kien jaghmel wara nofs in-nhar tal-haddiema tal-fabbrika tad-Dowty. Dana peress illi l-vjagg l-iehor li gie moghti mis-socjeta konvenuta minflok dak ta’l-iskola Santa Marija, kien jiehdu lejn Wied il-Ghajn u ghalhekk

kien barra minn triqtu tant illi ma kienx ikollu bizzejjed hin sabiex ilahhaq il-vjagg tal-haddiema tad-Dowty.

Illi min-naha taghha is-socjeta konvenuta qieghda tikkontendi illi din ma kenitx xi decizjoni mehuda minnha, izda sehhet b'konsegwenza tal-fatt illi l-iskola Santa Marija ghalqet, liema decizjoni giet mehuda mid-Dipartiment ta'l-Edukazzjoni. Illi in sostenn ta' dan is-socjeta konvenuta esebiet is-sentenza moghtija mjill-Bord tas-Sorveljanza fil-kaz imressaq mill-attur u mis-sewwieqa l-ohra dwar dan il-kaz, kif ukoll l-atti kollha ta' dan il-kaz minn fejn jirrizulta illi fil-fatt huwa minnu illi l-iskola Santa Marija inghalqet mid-Dipartiment ta'l-Edukazzjoni u it-tfal ta' din l-iskola bdew jattendu l-iskola tal-Guardian Angel tal-Hamrun. Fil-fatt l-attur jargumenta illi t-tfal baqghu l-istess u l-ghalliema baqghu l-istess u ghalhekk dan il-vjagg ma kellux jigi mehud lilu. Izda kif jidher mis-sentenza moghtija mill-Bord tas-Sorveljanza u mill-atti ta' dan il-kaz, kienet decizjoni mehuda mid-Dipartiment ta'l-Edukazzjoni li wasslet sabiex verament inghalqet din l-iskola u li kienet decizjoni ta' dan id-Dipartiment ghalhekk illi jitnaqqsu ir-rotot.

Ghaldaqstant ma jirrizultax illi is-socjeta konvenuta ghandha twiegeb ghat-telf subit mill-attur peress illi dan it-telf ma giex ikkagunat minn xi azzjoni jew decizjoni mehuda unilaterlament mis-socjeta konvenuta izda sehhet konsegwenza tad-decizjonijiet mehuda mid-Dipartiment ta'l-Edukazzjoni illi ighalqu l-iskola ta' Santa Marija u li inaqqsu ir-rotot.

Illi fi kwalunkwe kas, it-Tribunal ihoss illi l-attur naqas milli iressaq provi konvincenti in sostenn tal-kaz tieghu ghaliex ghajr ghax-xhieda tieghu, huwa ma ressaq l-ebda prova ohra anke dokumentali li tista' tindika altrimenti. Huwa jallega illi s-socjeta konvenuta haditlu dan il-vjagg u ghaddietu lil haddiehor, izda provi f'dan ir-rigward ma jirrizultawx mill-atti processwali. Anzi s-socjeta konvenuta ippruvat tqassam ix-xoghol b'tali mod illi s-sewwieqa li tilfu dawn ir-rotot ma ikollhomx telf ta' qliegh.

Illi anke fir-rigward tal-komputazzjoni tad-danni, l-attur naqas illi issostni l-istess b'provi dokumentali. Naqas, per

ezempju, li jippresenta prospett rigward l-ammont li qed jintalab minnu, naqas li jippresenta provi dokumentali rigward il-hlas li lilu kien isir ghal vjagg li jallega li tilef tad-Dowty, naqas fuq kollox li iressaq provi konvincenti illi huwa waqaf jaghmel dawn il-vjaggi minn meta inbidlulu ir-rotot u li ghalhekk hemm ness bejn dan it-telf u l-bidla li sehhet fir-rotot tieghu. Illi huwa massimu legali illi minn jallega irid jipprova, u f'dan ir-rigward l-attur naqas.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad it-tieni, tielet u raba' eccezzjoni sollevati mis-socjeta konvenuta, jilqa' l-hames eccezzjoni u kwindi jichad it-talba attrici.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------